# TRIBUNAL INDUSTRIALI

# Decizjoni Numru 1848

**Kaz Numru 2478ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Vivienne Theuma**

**u**

**Sterling Security Company Limited**

***dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta***

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 26 ta' Marzu 2008**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-3 ta' April 2007.

**2. Rapprezentanza**

Vivienne Theuma, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet assistita mill-Avukat Victor George Axiak.

Il-kumpanija Sterling Security Company Limited li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Noel Schembri u David Stubbings assistiti mill-Avukat Reuben Farrugia.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Il-Kumpanija intimata nghatat kuntratt biex tipprovdi servizz ta' sikurezza fil-Qrati Maltin li kien jikkonsisti fl-attendenza ta' rgiel u mara biex jikkontrollaw id-dhul ta' persuni fil-hin kollu li l-Qrati jkunu miftuha. Ir-rikorrenti bdiet fl-impjieg taghha mal-kumpanija intimata nhar il-5 ta' Gunju 2006 fil-kariga ta' *Security Guard* biex taqdi dmirijietha fil-Qrati ghal zmien indefinit fuq bazi *whole time*. Minhabba li l-attendenza taghha fil-Qrati ma

kinitx tammonta ghal erbghin siegha fil-gimgha, hi kienet tintbaghat taghti s-servizzi taghha f'postijiet ohra. Il-kumpanija intimata ma tathiex kuntratt miktub izda l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg kienu komunikati lilha permezz ta' dokument ta' taghrif li qatt ma kien iffirmat. F'jum vicin l-Ewwel tas-Sena 2007, ir-rikorrenti illargat, minghajr ma talbet permess, minn fuq il-lant tax-xoghol u marret tippartecipa f'*party* ta' l-impjegati tal-Qrati. Gara li waqt ir-ronda tieghu Charles Zahra, l-Ufficjal tal-Qrati nkarigat mis-sikurezza ma rahiex f'postha, staqsa ghalijha lill-kollega taghha, mar ifittixha, sabha tiehu sehem fil-*party,* ordnalha biex titla' lura f'postha u mar jistennieha f'postha biex ikun cert li rritornat. Ir-rikorrenti damet madwar ghaxar minuti ma telghet lura, u Charles Zahra dehrlu li damet hafna aktar milli kien mehtieg. Meta waslet ir-rikorrneti qaltlu xi haga li ghalkemm ma setax jiftakar x'kienet, ftakar li dejqitu hafna. Charles Zahra ordnalha tiffirma u titlaq lura ghand il-kumpanija intimata. Wara gharraf lill-kumpanija intimata, l-ewwel bil-fomm u wara bil-kitba, li ma kienx sodisfatt bis-servizz tar-rikorrenti u stqarr li ma riedx li r-rikorrenti tintbaghat aktar biex taghti servizz ta' sikurezza fil-Qrati. Minhabba f'dan u fil-fatt li l-kumpanija intimata ma kellhiex fejn timpjega mara fil-kariga ta' *Security Guard,* iddecidiet li ttemm l-impjieg tar-rikorrenti fuq bazi ta' *redundancy*.

Wara li ghadda ftit taz-zmien giet opportunita' ta' impjieg ghal mara fl-istess kariga u l-kumpanija intimata offriet l-impjieg lura lir-rikorrenti. Din wiegbet li ma riditx tkompli tahdem mal-kumpanija intimata u rrifjutat l-offerta ghal impjieg mill-gdid.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Giovanni B Galea, Noel Schembri u Charles Zahra xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 David Stubbings u Vivienne Theuma kienu xhieda komuni

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrenti esebiet

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz

5.1.2 formola tat-temma ta' l-impjieg ETC103 datata 08.01.07, immarkata Dok. A

5.1.3 dokument bit-titlu *Statement of Employment,* immarkat Dok. B

5.1.4 ittra datata 07.05.07 minghand Sterling Security Limited mibghuta lir-rikorrenti. Din kienet offerta ghal ri-impjieg, immarkata Dok. C

5.1.5 It-trattazzjoni bil-miktub

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz

5.2.2 kopja ta' ittra datata 29.05.06 riferenza DSS 24/2006 minghand id-Direttur tal-Qrati li kienet tikkonferma l-ghoti tat-*tender* ghal servizz ta' sikurezza lill-kumpanija intimata, immarkata Dok. SS1

5.2.3 kopji ta' tliet skedi tax-xoghol ghal Dicembru 06, immarkati Dok. DS1, DS2 u DS3

5.2.4 kopja ta' e-mail datata 05.01.07 mibghuta minn Charles Zahra lill-kumpanija intimata. Din kienet tinkludi rapport dwar assenza minn fuq il-lant tax-xoghol tar-rikorrenti u decizjoni biex l-istess rikorrenti ma tintbaghatx aktar biex tahdem fil-Qrati, immarkata Dok. RF/CZ1

5.2.5 kopja ta' ittra datata 05.03.07 mibghuta mill-Avukat Victor George Axiak f'isem ir-rikorrenti. Din kienet stedina ghal ftehim bonarju, immarkata Dok. SS2

5.2.6 kopja ta' ittra datata 7.05.07 minghand Sterling Security Limited mibghuta lir-rikorrenti. Din kienet offerta ghal impjieg mill-gdid, immarkata Dok. SS3 (l-istess bhal Dok. C).

5.2.7 kopja tat-*tender* ghal xoghol ta' sikurezza fil-Qrati, immarkata Dok. JS1

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Giovanni Battista Galea,** impjegat bhala Direttur Generali fil-Qrati, spjega fil-qosor id-dmirijiet ta' Charles Zahra u kompla jghid li dak in-nhar ta' l-incident hu kien ra lir-rikorrenti liebsa l-uniformi ta' *Security Guard* fis-sala tar-Registru fejn kienet qed issir il-*party.* Ir-rikorrenti ghamlet hin qasir titkellem mieghu, izda ma staqsihiex ghaliex kienet hemm u jekk kellhiex permess biex tkun hemm. Ix-xhud ikkonferma li bhala Kap ta' Dipartiment, Charles Zahra kellu l-awtorita' li jiddeciedi minghajr htiega ta' konsultazzjoni, li jordna lill-kumpanija intimata biex lir-rikorrenti ma tibghathiex aktar biex taghti servizz fil-Qrati. Ix-xhud temm jghid li kull ma kien mehtieg jaghmel Charles Zahra kien li jgharraf lill-Kap tieghu b'dak li kien ghamel.

6.2 **John Sant,** impjegat bhala Direttur tas-*Support Services* fil-Qrati, stqarr li hu jirrapporta lid-Direttur Generali u fost affarijiet ohra d-dmirijiet tieghu jinkludu s-sikurezza fil-Qrati. Wara li kkonferma li l-kuntratt ghas-sikurezza fil-Qrati kien inghata lill-kumpanija intimata, zied jghid li l-amministrazzjoni tal-Qrati talbet li minn fost is-*Security Guards* li kienu ser ikunu allokati fil-Qrati, ikun hemm mara. Aktar tard in-numru zdied ghal tnejn. John Sant zied jghid li sar jaf bl-incident in kwistjoni wara li gara, u kkonferma wkoll li Charles Zahra kellu l-awtorita' li jordna lill-kumpanija intimata biex tibdel impjegati li fil-fehma ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati ma kinux jaghtu servizz tajjeb. Kmieni f'Jannar 2007 kien mgharraf minn Charles Zahra bl-incident in kwistjoni u bl-azzjoni li ha biex ir-rikorrenti ma tahdimx aktar fil-Qrati. Wara ftit, fl-istess jum, ir-rikorrenti marret tghidlu x'gara u minkejja li offrielha li jkellem lill-kumpanija intimata biex ma titkecciex, hi rrifjutat l-offerta ghaliex qaltlu li tilfet il-fiducja fil-kumpanija intimata. Wara dan kollu l-amministrazzjoni tal-Qrati talbet biex minflok ir-rikorrenti tintbaghat mara ohra. John Sant ikkonferma li r-rikorrenti kienet taqdi dmirijietha tajjeb hafna, u ghalkemm kien sema' xi tgergir kien cert li ma kien hemm ebda mottiv politiku dwar dak li gara.

**6.3 Noel Scembri,** impjegat bhala amministratur mal-kumpanija intimata, stqarr li hu kien involut fit-tfassil tat-tender ghall-provvista ta' servizz ta' sikurezza fil-Qrati, fl-impjieg tar-rikorrenti u fit-tahrig preliminari taghha fuq taghmir li jixbah lil dak stallat fil-Qrati. Noel Schembri kkonferma li meta kien offrut l-impjieg ir-rikorrenti kienet mgharrfa li kienet qed tkun impjegata biex taghmel xoghol ta' *Security Guard* fil-Qrati. Minn zmien ghal zmien kienu jaslu lmenti minghand Charles Zahra rigwardanti nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijiet relatati max-xoghol ta' sikurezza ta' xi whud mill-impjegati, fosthom, ir-rikorrenti. Meta kien jigri dan, l-impjegati kienu jintalbu jattendu l-ufficcju, mgharrfa bl-ilment u bil-konsegwenzi jekk l-amministrazzjoni tal-Qrati tirrifjuta li taccettahom ghax-xoghol u mwiddba biex jaqdu dmirijiethom ahjar. Zied jghid li zmien qasir wara l-05.06.06, fuq talba ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati, kienu impjegaw mara ohra fl-istess kariga bhal tar-rikorrenti. Wara li beda l-impjieg ta' dawn iz-zewg nisa mal-kumpanija intimata, David Stubbings kien ircieva ilment minghand Charles Zahra dwar l-assenza minghajr permess minn fuq il-lant tax-xoghol tar-rikorrenti. David Stubbings kien baghat ghar-rikorrenti u fil-prezenza tieghu kien gharrafha bl-ilment u bil-fatt li l-amministrazzjoni tal-Qrati ma riduhiex li taghmel xoghol aktar fil-Qrati. Noel Schembri zied jghid li minbarra l-kuntratt tal-Qrati, f'kull kuntratt li kellha l-kumpanija intimata, il-klijenti dejjem indikaw preferenza li l-impjegati jkunu rgiel. It-tieni okkazjoni meta l-klijent ma esprimiex preferenza kienet f'Mejju 2007, meta l-offerta ghal impjieg gdid saret lir-rikorrenti, izda din irrifjutat li terga' tahdem mal-kumpanija intimata. Noel Schembri, l-ewwel xehed li ma jiftakarx jekk kienx prezenti meta wara l-ilment tad-29.12.06 David

Stubbings kellem lir-rikorrenti, u ftit wara kkonferma dak kollu li kien xehed David Stubbings rigwardanti kemm dwar it-temma ta' l-impjieg kif ukoll dwar is-suggeriment li zzomm l-uniformi ghandha bit-tama li tinqala' xi opportunita ghal impjieg. Ix-xhud stqarr li l-kumpanija intimata ma kellhiex postijiet ohra fejn setghet talloka lir-rikorrenti u minhabba f'hekk temmitilha l-impjieg. Hu zied jghid li minn meta kienet impjegata r-rikorrenti, il-Qrati kienu l-unici postijiet fejn setghet tkun allokata u kien ghalhekk li sa mil-bidu ta' l-impjieg taghha kienet mgharrfa li l-impjieg taghha kien biex tahdem bhala *Security Guard* fil-Qrati. Hu zied jghid li minhabba li x-xoghol taghha fil-Qrati ma kienx jirrikjedi li tahdem erbghin siegha fil-gimgha, il-kumpanija intimata kienet kostretta li talloka postijiet ohra biex tlahhaq is-sighat kuntrattwali.

6.4 **David Stubbings,** impjegat bhala amministratur mal-kumpanija intimata, stqarr li meta ntrebah il-kuntratt ghall-sikurezza fil-Qrati kien tkellem ma' John Sant u Charles Zahra biex isir jaf fid-dettal dak li kien mehtieg biex isegwi l-obbligi tal-kuntratt. Fost affarijiet ohra kien mgharraf bil-htiega ta' tahrig fuq it-taghmir stallat fil-Qrati, in-numru ta' impjegati mehtiega u kemm minnhom kellhom ikunu ta' sess femminil. Meta sar jaf dan kollu kien ezamina l-applikazzjonijiet li kellu minghand nisa, inghazlet ir-rikorrenti u kienet offruta impjieg fil-kariga ta' *Security Guard* fil-Qrati b'effett mill-05.06.06. Wara xi zmien fuq talba specifika ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati impjegaw mara ohra fl-istess kariga. David Stubbings zied jghid li minn zmien ghal zmien kienu jircievu lmenti dwar is-servizz, u f'kull kaz hu kien jibghat ghall-impjegati biex jgharrafhom dwar dan u biex jordnalhom itejbu s-servizz. Lir-rikorrenti u lill-kollega taghha kien jenfasizzalhom li jekk l-amminstrazzjoni tal-Qrati toggezzjona ghall-prezenza taghhom fil-Qrati, l-kumpanija ma kellhiex postijiet ohra fejn setghet thaddimhom. Kien hemm diversi incidenti li minhabba fihom impjegati ohra ma baqghux jintbaghtu fil-Qrati. Nhar id-29.12.06 John Sant cempillu, gharrfu b'dak li gara u ordnalu biex ma jibghatx aktar lir-rikorrenti biex taqdi dmirijietha fil-Qrati. Ix-xhud talab li jkun mgharraf bil-miktub u ftit tal-jiem wara rcieva e-mail li tikkonferma dak li kien qallu John Sant qabel. Meta kellu l-ordni bil-miktub minghand Charles Zahra ordna lir-rikorrenti biex tirrapporta ghandu l-ufficcju ewlieni tal-kumpanija intimata fejn spjegalha x'kien gara, qalilha li ma kellux post iehor fejn seta' jallokaha, gharrafha li kien kostrett itemmilha l-impjieg minhabba *redundancy* u ssuggerielha zzomm l-uniformi, biex jekk tinqala' opportunita' ohra ghal impjieg jerga' jimpjegaha. Izda r-rikorrenti wiegbet li galadarba l-kumpanija tilfet il-fiducja fiha, hi ma riditx terga' tahdem maghha. Ghall-habta ta' Mejju 2007 inqalet opportunita' ghal impjieg ta' *Security Guard* mara u hu kiteb lir-rikorrenti biex joffrilha impjieg mill-gdid, izda ma rcieva ebda twegiba ghall-offerta. Ix-xhud kompla jghid li bejn meta bdiet fl-impjieg ir-rikorrenti u Mejju 2007, ma

kien hemm ebda talba ghas-servizz ta' mara fil-kariga rilevanti. David Stubbings ikkonferma li hu kien gharraf lir-rikorrenti li hi kienet qed tkun impjegata biex taqdi dmirijietha fil-Qrati, izda ma setax jiftakar jekk kienx gharrafha li ghalkemm il-kuntratt ta' l-impjieg kien ghal zmien indefinit, il-kuntratt tax-xoghol li kellha l-kumpanija kien ghal sena, bil-possibilita' ta' estensjoni, u li jekk ma tkunx tista' tahdem fil-Qrati ma kienx hemm aktar postijiet fejn setghet tkun allokatha. David Stubbings kompla jghid li ghalkemm hu minnu li r-rikorrenti kienet tkun allokata f'postijiet ohra tax-xoghol, dan l-ewwel kien isir biss fl-Ufficcju Ewlieni tal-kumpanija intimata fejn il-fatt li kienet mara ma kienx jaghmel differenza, u meta ma setax isir aktar, beda jsir f'post iehor.  Izda dan kollu kien isir biex jintlahqu s-sighat tal-kuntratt. Ix-xhud cahad li hu kien gharraf lir-rikorrenti b'xi raguni differenti minn dik ta' *redundancy* ghat-temma ta' l-impjieg taghha. Ix-xhud ikkonferma li l-kumpanija ma setghetx toffri lir-rikorrenti impjieg fl-Ufficcju Ewlieni ghaliex ma kienx hemm htiega ta' aktar nies ghax-xoghol li kien hemm. Ix-xhud temm jghid li hu ma tkellimx ma' klijenti biex jipprova jsib impjieg alternattiv ghar-rikorrenti.

6.5 **Vivienne Theuma,** ir-rikorrenti, stqarret li meta kienet offruta l-impjieg mal-kumpanija intimata kienet mgharrfa li kienet qed tkun impjegata biex taghti servizz ta' sikurezza fil-Qrati.  Nhar il-Gimgha 29.12.06, wara l-incident li kellha ma' Charles Zahra, dan ordnalha tiffirma u tirrapporta lura lill-kumpanija. Wara li ghaddiet gimgha li matulha kienet ma tiflahx, il-kumpanija intimata talbitha biex tmur fl-Ufficcju Ewlieni biex tkellimha. Hemmhekk hi kienet mgharrfa minn David Stubbings bir-rapport ta' Charles Zahra rigwardanti l-incident tad-29.12.06 li kien jinkludi ordni biex hi ma tintbaghatx aktar taghti servizz fil-Qrati. David Stubbings gharrafha li minhabba li l-kumpanija ma kellhiex xoghol ghal *Security Guard* mara fuq bazi *whole time* kien ser itemmilha l-impjieg. Ix-xhud kompliet li ma setghetx tiftakar li kien suggerit lilha biex izzomm ghandha l-uniformi minhabba li seta' jinqala' xoghol iehor, u li hi rrifjutat taghmel dan fil-waqt li wiegbet li ma riditx tahdem aktar mal-kumpanija intimata minhabba l-mod kif kienet ittrattata. Aktar tard waqt il-kontro-ezami ftakret li ma kien sarilha ebda suggeriment biex izzomm l-uniformi ghandha ghal xi zmien bit-tama ta' impjieg alternattiv. Wara li ghadda xi zmien u kienet offruta impjieg mill-gdid mal-kumpanija intimata fl-istess kariga u bl-istess kundizzjonijiet, hi rrifjutat l-offerta ghaliex fil-fehma taghha ma kinitx fdata. Ix-xhud temmet tghid li ma tiftakarx li David Stubbings kien qalilha li ser jiccertifika *redundancy* bhala r-raguni ghat-temma ta' l-impjieg biex tkun tista' tgawdi l-beneficcji tad-dizimpjieg. Aktar tard waqt il-kontro-ezami ftakret li David Suibbings kien qalilha dan id-dislors. Hi ma talbet xejn u ma oggezzjonat ghal xejn.

6.6 **Charles Zahra,** impjegat bhala Kap tas-Sigurta' fil-Qrati, stqarr li fost affarijiet ohra hu jgharraf lil kull persuna li jibghat il-kuntrattur x'inhuma d-dmitijiet taghha, jassenja l-istess persuni mad-diversi entraturi tal-Qrati, u jaghmel sorveljanza taghhom biex jassigura li dawn ikunu qed jaqdu dmirijiethom kull hin. Meta beda l-kuntratt il-Qrati talbu li tkun assenjata mara wahda fil-Qrati, izda wara xi zmien kien intalab li tizdied ohra. Nhar id-29.12.06 ir-rikorrenti kienet assenjata ma' l-entratura ewlenija tal-Qati u f'hin minnhom waqt ir-ronda tieghu sab li kien hemm persuna wahda minflok tnejn ma' din l-entratura. Meta staqsa lil min kien prezenti sar jaf li r-rikorrenti kienet illargat biex tattendi ghall-*party* ta' l-impjegati li kien qed isir fir-Registru u nizel iffittixha. Meta ra hemm ordnalha titla' lura f'postha u tela' jistennieha hdejn l-entratura ewlenija. Wara li dam jistennieha madwar tmienja jew ghaxar minuti, tfaccat, u qaltlu xi haga li dejqitu, izda ma setax jiftakar id-diskors li qaltlu. Dak il-hin, u minkejja li din kienet l-ewwel darba li ma sabhiex f'postha, iddecieda li jkecciha mill-Qrati. Ordnalha tiffirma u tmur lura ghand il-kuntrattur. Fl-istess waqt kif kellu l-awtorita' li jaghmel u kif kien permess li jsir bis-sahha tal-kuntratt mal-kumpanija intimata, kiteb lill-kumpanija intimata, gharrafha b'dak kollu li kien sehh u ordna biex ir-rikorrenti ma tintbaghatx tahdem aktar fil-Qrati. Charles Zahra stqarr li jista' jkun li nhar l-incident ir-rikorrenti kienet xoghol sa 12.00 u li minhabba xi cirkustanza tax-xoghol talabha toqghod sa l-4.30pm. Izda jekk kien hekk hu jkun staqsieha jekk setghetx toqghod u baqghet ghaliex kien konvenjenti ghaliha. Charles Zahra kkonkluda li fil-hin ta' l-incident, ir-rikorrenti ma kinitx intitolata ghal waqfien ta' mistrieh u lanqas ma talbet permess biex tillarga.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Rueben Farrugia f'isem il-kumpanija intimata

- stqarr li minhabba dak li sehh fil-Qrati nhar id-29.12.06 rigwardanti l-assenza minghajr permess tar-rikorrenti, u d-decizjoni sussegwenti ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati li ma taccettax aktar lir-rikorrenti biex taghti servizz ta' *Security Guard*, il-kumpanija intimata kienet kostretta li ttemm l-impjieg tar-rikorrenti fuq bazi ta' *redundancy* minhabba li ma kellhiex postijiet ohra fejn setghet tallokha
- ghamel tifsira tal-mizura ta' *redundancy* u sahhah it-tifsira billi kkwota minn zewg decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali
- ghamel riferenza wkoll ghal-Ligijiet Inglizi u ghall-kazistika Ingliza rilevanti ghat-tifsira ta' *redundancy*
- talab lit-Tribunal Industrijali biex jaffirma l-pretensjonijiet tal-kumpanija intimata u jichad it-talbiet tar-rikorrenti

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Victor George Axiak f'isem ir-rikorrenti

- ghamel distinzjoni bejn il-kuntratt ta' servizz li l-kumpanija intimata kellha ma' l-Amministrazzjoni tal-Qrati u l-kuntratt ta' impjieg li l-istess kumpanija kellha mar-rikorrenti
- talab lit-Tribunal Industrijali biex ma jidholx fil-mertu ta' l-allegata offiza tar-rikorrenti li l-kumpanija intimata qatt ma kellha opportunita' tinvestiga
- ghamel riferenza ghal-Ligijiet Inglizi biex jaghti tifsira tal-mizura ta' *redundancy*
- ghamel elenku tan-nuqqasijiet tal-kumpanija intimata versus ir-rikorrenti rigwardanti d-decizjoni ghat-temma ta' l-impjieg, fosthom li hi ma' ghamlet xejn biex talloka lir-rikorrenti f'postjiet ohra fejn is-servizz ta' *Security Guard* kien rikjest, u fejn gie li fl-imghoddi l-istess servizz inghata mill-istess rikorrenti ghal xi hin fuq medda twila ta' zmien matul l-impjieg taghha
- stqarr li fil-kaz odjern, jekk wiehed jaccetta l-mizura ta' *redundancy*, il-kumpanija intimata ma osservatx il-provvediment statutorju ta' min jidhol l-ahhar jispicca l-ewwel
- talab lit-Tribunal Industrijali biex jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-ammont ta' kumpens xieraq ghal tkeccija ingusta

**8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

Minhabba d-dikjarazzjoni tal-kumpanija intimata li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti sehhet ghal raguni ta' *redundancy,* u minhabba li t-temma ta' l-impjieg ghal raguni ta' *redundancy* mhix meqjusa bhala tkeccija ingusta, it-Tribunal Industrijali hu kostrett li ma jidholx f'merti ohra tal-kaz qabel ma tkun deciza l-vera raguni ghat-temma ta' l-impjieg. Fil-kaz li l-vera raguni tkun dik ta' *redundancy* jiddeciedi li ma jihux aktar konjizzjoni tal-kaz.

Fatti li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta.

- artiklu 14 tad-dokument JS1 jaghti l-Awtorita' lid-Direttur Generali tal-Qrati li jirrifjuta access lil kull impjegat tal-kuntrattur minghajr ma jaghti spjega ghad-decizjoni tieghu. L-artikli 15 u 17 jispjegaw il-konsegwenzi ghall-kuntrattur fil-kaz li hu, jew l-impjegati tieghu, jonqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom
- mhux kontestat li r-rikorrenti warrbet minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr il-permess mehtieg

- mhux kontestat li Charles Zahra kellu l-awtorita' li jiddeciedi li jeskludi lir-rikorrenti milli tkompli tattendi biex taghti s-servizz taghha bhala *Security Guard* fil-Qrati
- mhux kontestat li x-xoghol ewlieni tar-rikorrenti kien fil-Qrati u li l-allokazzjoni taghha, kemm fl-Ufficcju Ewlieni tal-Kumpanija intimata kif ukoll f'postijiet ohra kien biex ilahhaq l-erbghin siegha kuntrattwali kull gimgha, minhabba li dan l-ammont ma setax jintlahaq bl-attendenza fil-Qrati biss
- mhux kontestat li d-decizjoni tal-Qrati li ttiehdet nhar id-29.12.06 rigwardanti r-rikorrenti, holqot sitwazzjoni fejn il-kumpanija intimata kellha tirtira lir-rikorrenti mill-Qrati
- jirrizulta mill-provi li l-impjegata mara l-ohra li bdiet tahdem fil-Qrati kienet impjegata wara r-rikorrenti
- ma jirrizultax mill-provi migjuba quddiem it-Tribunal Industrijali li kien hemm xi impjegat iehor fil-kumpanija, kemm jekk mara kif ukoll jekk ragel, li gie impjegat wara r-rikorrenti.

**9. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret ghar-raguni ta' *redundancy* u wkoll li fl-ezekuzzjoni tad-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg il-kumpanija intimata applikat tajjeb ir-regola ta' min jidhol l-ahhar jintemmlu l-impjieg l-ewwel.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax –il-¬entezmu (€93.17).

________________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**